MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Avviz Numru. 59/2005

**Coleiro Yacht Finishes Limited**

**vs**

**Tal-Herba Construction Limited [C-14183]**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1,729.38), ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas ta' xoghol ta' *floor coating,* esegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi nterpellanzi lilha maghmula.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 27 ta' Dicembru, 2004 u tal-Mandat Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u bl-interessi

kummercjali mid-data li fiha gie rez is-servizz sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettiet it-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------